IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru57 (sebgħa u ħamsin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar, 2018, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

57.1. Item Nru 57.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

57.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.35pm u kien kulħadd preżenti.

57.2 Item Nru 57.2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

57.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvat unanimament.

57.3 Item Nru 57.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

57.3.1 SSTP – Is-Sindku qal li ser ikollu laqgħa mas-Sur Richard Bilocca dwar l-operat tal-impjant kif ukoll dwar il-proġett tan-nursery tal-football.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

57.3.2 Recreational centre – Is-Sur Valvo qal li bħalissa bdejna l-proċess tal-evalwazzjoni u il-Bord talab lill-offerenti biex jibgħatu il-*Literature* kif ukoll *samples* tal-prodotti. Il-Kunsill ikkuntattja lill-Perit Charles Buhagiar sabiex jiġi jara li s-*samples* li intbgħatu huma ta' kwalita bħal ma tlabna fit-*tender document.*

Is-Sindku qal ukoll li qabbadna lil Perit Robert Ellul sabiex jagħmel stima tar-railing ta' madwar il-proġett kollu sabiex inkunu nistgħu napplikaw għal fondi tal-UIF li bħalissa għandna madwar €47,000 li nistgħu nużaw.

57.3.3 *Jogging Track* - Is-Sur Valvo qal li il-Kunsill ġie ikkuntattjat mis-Sur Conrad Busuttil il-kap ta' *Sports* Malta sabiex niltaqgħu u nitkellmu fid-dettall dwar dan il-proġett. Il-Laqgħa ser issir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar fl-10am.

57.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li dwar il-proposta tal-Gal Xlokk, il-Perit Robert Ellul ser japplika mal-Awtorita tal-Ippjanar bil-proposta li għandna ta' tisbieħ.

57.3.5 EU funds hitan tas-sejjiegh - Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill s'issa għadu ma rċieva l-ebda risposta fuq dan il-proġett u għalhekk tajjeb li nikkuntattjaw l-awtorita sabiex naraw f'hiex waslet l-applikazzjoni tagħna.

57.3.6 Bring in Site – Is-Sur Valvo qal li dwar il-filmati li għandna ta' nies li qed jarmu abużivament il-Kunsill kellu risposta fin-negattiv mil-LESA fejn dawn qalulna li skond il-liġi ma jistawx jipproċedu b'ċitazzjonijiet jekk il-persuni ma jiġux notifikati fi żmien 48 siegħa.Għalhekk il-Kunsill qabel li inkellmu lil Onor. Deo Debattista sabiex nikkonfermaw dan u naraw kif din il-liġi tista tinbidel.

57.4. Item Nru. 57.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

57.4.1 Is-Sa Buttiġieġ staqsiet kif bqajna fuq il-Belisha lights ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Segretarju qallha li issa għandna l-approvazzjoni minn Transport Malta u għalhekk ser inġibu stima ta' kemm tiswa biex ninstallawhom.

57.4.2 Is-Sinjura Antonia Buttigieg staqsiet fuq il-*Bus Shelter* ta' ħdejn il-Knisja u s-Sindku qallha li ġie infurmat li hemm ma jistax isir *bus shelter* fiss minħabba li l-art hija tal-Kurja u għalhekk l-iktar li nistgħu nagħmlu huwa temporanju.

57.4.3 Is-Sinjura Doris Borg qalet li l-kompetizzjoni tal-presepji u tpinġijiet kienet tajba pero` xtaqet tirrimarka li hi stenniet aktar konkorrenza.

57.4.4 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk nistgħu insejħu laqgħa mal-għaqdiet kollha tax-Xgħajra sabiex naraw għandhomx xi programm eżistenti ta' attivitajiet għal din is-sena u naraw li ma jaħbtux ma' tagħna.

57.4.5 Is-Sur Joe Azzopardi staqsa fuq ir-refreshing lines ta' Triq it-torri t'Alof De Wignacourt meta ser isiru. Is-Segretarju qallu li dawn ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin mil-ħaddiema assenjati.

57.4.6 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ staqsiet jekk nistgħux napplikaw mal-BOV sabiex issir ATM tagħhom fi Smart City jew xi post ieħor fix-Xgħajra issa li ser jibdew japplikaw xi *fees* jekk

tiġbed il-flus minn banek differenti. Is-Sindku qal li l-BOV kienu irrifjutaw xi snin ilu pero nistgħu nagħmlu talba ma' Smart City sabiex japplikaw huma.

57.4.7 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk isirux laqgħa mal-Pulizija u jekk iva nistgħux inkellmuhom fuq l-abbużi li qed isiru f'postijiet mitluqa bħal Barumbara u oħrajn. Is-Sindku qal li ser ikellem l' Ispettur sabiex isiru aktar spezzjonijiet regolari.

57.5. Item Nru 57.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

57.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

57.6. Item Nru. 57.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

57.6.1 Ix-xogħol fix-Xgħajra ġie mitkellem kollu aktar kmieni.

57.7. Item Nru. 57.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

57.7.1 Pagamenti b'numru 68 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

57.8. Item Nru. 57.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet

57.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

57.9 Item Nru. 57.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

57.9 Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu, 2018 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt